Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,461, 1 ta' Lulju, 2025

Taqsima B

A.L. 116 tal-2025

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2025 biex jemenda l-Ordinament tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista' jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2025 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali 213 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2025 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (f) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(f) **Geosciences**:
għaddew fil-Matematika Pura (Intermedju, grad Ċ jew aħjar) u għaddew f'wieħed minn dawn is-suġġetti li ġejjin (Intermedju, grad Ċ jew aħjar):
il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, il-Matematika Applikata, il-Computing, l-Information Technology, il-Ġeografija u x-Xjenza Ambjentali;"